**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 555/2019 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**NT**

**ET u b'degriet datat 22 ta Jannar 2020, kunjom l-intimata gie korrett ghal B.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NT datat 10 ta' Diċembru 2019 , a fol 1 et seqq. tal-proċess, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwġu fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa ( 2004) skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi hawn anness, esebit u mmarkat bħala Dok A.*

*Illi miż-żwieġ tagħhom, il-partijiet kellhom żewġt itfal, senjatament S u E aħwa T illum għandhom X sena u Y snin rispettivament u li twieldu X u Y rispettivament.*

*Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2015) u dan skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Liza Schembri, li kopja awtentika tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok B.*

*Illi ulterjorment, il-partijiet ilhom separati de facto sa mill-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) skond ma jirriżulta ukoll mill-klawsola numru tlieta (iii) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, b'dan illi ma hemm l-ebda prospett jew tama għal*

*rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet illi jgħixu ukoll ħajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari ġodda.*

*Illi da parti tagħhom, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnesjoni ma' kwalunkwe ħlas ta' manteniment dovut għall-ulied il-partijiet, b'dan illi l-istess manteniment diġa tħallas bil-quddiem fl-intier tiegħu ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi, u senjatament l-artikolu sebgħa (7) u għadu jitħallas regolarment hekk skond l-istess artikolu.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ (divorzju) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata EB (fol 21) fejn din irrispondiet hekk:-

1. *Illi kunjom l-esponenti huwa B, għaliex, b'seħħ tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-15 ta' Lulju 2015, hija rrivertit għal kunjomha xebba (Artikolu 18) u din ir-reverżjoni ġiet*

*debitament notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Dan jirriżulta ukoll mill-atti ppreżentati mill-attur. Illi għalhekk hemm lok għall-*korrezzjoni *fl-atti pprezentati mir-rikorrent.*

2. *Illi l-esponenti ma topponix għat-talba magħmula mir-rikorrent żewġha għall-ħall taż-żwieġ tagħhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi maħsuba fid-*disposizzjonijiet *tal-Artikolu 66 B kif korrettament senjalat ir-rikorrent fit-talba promotur tiegħu.*

3. *Illi l-esponenti pero ma għandhiex pero tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri peress illi t-talba odjerna ġiet promossa mir-rikorrent u għandha tiġi mħallsa minnu.*

Rat illi l-intimata talbet lill-Qorti (verbal tat-22 ta' Jannar 2020, fol 11) tawtorizza l-korrezzjoni tal-atti ta' din il-kawża peress li bis-saħħa tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, klawsola 18, hija irrevertiet għal kunjomha xebba cioe B. Il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni tal-atti u ordnat tali korrezzjoni tigi riflessa fl-atti kollha tal-kawża.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EB** xehdet (fol 13) illi hija iżżewwġet lil NT fis-6 ta' Marzu 2004 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Lulju 2015. Xehdet ukoll illi l-manteniment tat-tfal dejjem tħallas u li ma hemm l-ebda arretrati. Illi mid-data tas-separazzjoni, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama tal-istess.

**NT** xehed (fol 24) bil-lingwa Ingliża u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet EB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Marzu 2004 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt tfal, it-tnejn minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, datat 15 ta' Lulju 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**